MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 649/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Mamo)**

**vs**

**Michael Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Michael Mifsud ta’ 27 sena, bin Joseph u Rita nee’ Buttigieg imwieled St. Julian’s fis-7 ta’ Lulju, 1976 u residenti 16, Archbishop Romeo Street, St. Julians detentur ta’ karta ta’ identita numru 322676(M) akkuzat talli:

1. f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, u cioe’ fl-14 ta’ Gunju 2003 u fil-jiem ta’ wara bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal xi vantagg privat tieghu ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew

tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew seraqhom, u cioe’ ghamel uzu hazin minn cekk ta’ Lm143 moghti lilu minn Emanuela Mifsud bhala pagament tat-Taxxa u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b’firem foloz, jew b’tibdil fl-atti, fi skritturi, jew f’firem, jew billi dahhal isem ta’ persuna mhux vera, jew b’kitba maghmula jew imnizzla f’registri jew f’atti pubblici ohra, wara li kienu ga ffurmati jew maghluqa, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 179 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. meta kiteb l-atti li dahlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minnd awk li kienu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi iddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux, bi ksur ta’ l-Artikolu 180 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. ghamel falsikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta’ l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera’ haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm143 bi hsara ta’ Emanuela Mifsud, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-Gvern ta’Malta u ohrajn bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Lgijiet ta’ Malta;

7. dawwar profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu flus ta' Emanuela Mifsud li ammontaw ghal Lm143, liema flus gew moghtija lilu bhala ufficjal pubbliku mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ghal hlas ta' Taxxa ta' Emanuela Mifsud, liema flus gew fdati u ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. ikkommetta dawn ir-reati filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta' l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa jippersisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jikkontemplaw l-falsifikazzjoni, il-frodi u t-truffa aggravat b'serq minn ufficjal jew impjegat pubbliku fit-termini tal-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9.

Issa l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Ghalhekk il-Qorti ghandha issibu hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti.

Qabel ma tghaddi ghal piena, il-Qorti trid pero taghmel is-segwenti konsiderazzjoni relattivament il-piena: illi filwaqt li r-reat fin-natura u l-ispecie tieghu huwa serjissimu ghaliex jimmina l-fiducja f'istituzzjonijiet publici, mis-sottomissjonijiet li semghet, hi tal-fehma li ghandha titratta mal-imputat b'mod li tipprova taghmel gustizzja mieghu.

Apparti kull kunsiderazzjoni ohra, relattivament li din tirrizulta l-ewwel offiza tieghu, jirrizulta minn certifikat

mediku li ntwera lill-Qorti li l-imputat kien fil-perjodu in kwistjoni ghaddej minn problemi psikologici.

Ghalhekk rat l-artikoli 179, 180, 188, 189, 309, 310, 293, 294, 217, 141, 17, 31 tal-Kapitolu 9 u tiddecidi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sena millum u addizjonalment tapplika l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 tordnalu li jhallas lill-Emanuela Mifsud is-somma ta' Lm180 zmien mhux aktar tard minn gimgha millum.

Rigward l-interdizzjoni perpetwa imposta ai termini tal-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 u fit-termini tal-Artikolu 10(6) tal-istess Kapitolu tordna t-twaqqif immedjat taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------